Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,612, 5 ta' Mejju, 1998
Taqsima B

A.L. 119 ta' l-1998

ATT TA' L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-Ordinamenti jistgħu jissejħu l-Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil. - fil-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-Ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"Il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, Management u Accountancy;

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.;

"Il-Kors" ifisser il-Kors ta' Studji li jwassal għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

Applikabilita'

2. Dawn l-Ordinamenti għandhom japplikaw għal korsijiet li jibdew fl-1997 jew wara.

Eliġibilita' għad-Dħul

3. (1) Il-Kors għandu jkun miftuħ għal kandidati li ggradwaw bl-Unuri fis-suġġett propost bħala l-qasam ewlieni ta' studju u li laħqu l-livell superjuri tal-klassifikazzjoni fl-Eżamijiet Finali ta' din l-Universita' jew oħra rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat.

(2) Is-suġġett propost għandu jkun f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju: Ekonomija, *Management*, *Accountancy*, Politika Pubblika, *Banking* and *Finance* u *Marketing*, jew kull qasam ieħor approvat mis-Senat għal dan il-għan fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Rekwiżiti għall-Kors

4. (1) Applikazzjoni għandha tinkludi evidenza ta' profiċjenza u rakkomandazzjoni mill-Kap tad-Dipartiment konċernat u minn membru ta' l-istaff akkademiku li huwa lest li jaġixxi ta' superviżur. Il-Bord jista' jistabilixxi rekwiżiti oħrajn li jinkludu t-teħid ta' eżami ta' kwalifika jew iktar.

(2) Il-Bord jista', f'każijiet speċjali, jippermetti kandidati, li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifikati f'Ordinament 3 fuq, li jirreġistra skond Regolament (5) (2) tar-Regolamenti tal-Ph.D. u l-M.Phil.

(3) L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tinkludi t-titlu tad-dissertazzjoni proposta u sunt qasir tagħha.

Format u Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

5. (1) It-tul tad-dissertazzjoni m'għandux normalment ikun iktar minn 50,000 kelma kemm-il darba ma jkunx speċifikat xort'oħra mid-Dipartiment konċernat.

(2) Student huwa meħtieġ li jissottometti tlett kopji tad-dissertazzjoni għall-eżami li għandhom ikunu legati adekwatament. Kull kopja għandha jkollha astratt ta' mhux iktar minn 300 kelma.

(3) Il-gradwat għandu fi żmien xahar minn meta jgħaddi mill-eżami tad-dissertazzjoni jissottometti tlett kopji finali tad-dissertazzjoni li waħda

minnhom għandha tkun depositata fil-Librerija ta' l-Universita'. Dawn il-kopji finali għandhom jinkorporaw kull tibdil mitlub mill-eżaminaturi matul l-eżami orali.

(4) Id-dissertazzjoni għandha tissodisfa r-regoli fuq il-format u l-preżentazzjoni ta' dissertazzjonijiet approvati mill-Bord tal-Fakulta'.